**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Nru. 1119/2005**

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Ian Joseph Abdilla)**

**vs**

**Gilmore Cachia**

**Illum, 22 ta' Marzu 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

"**Gilmore Cachia**, detentur tal-karta ta' l-Identita' 38386M."

U nakkuzah:

“1. Talli fl-20 ta’ Diċembru 2005, ġewwa il-Belt Valletta, bejn id-disgħa nieqes kwart ta’ filgħodu u d-disgħa u nofs ta’ filgħodu:

a. Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott ta’ industija, jew xjentement, għamel użu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid; jew

b. Għamel użu, xjentement, ta’ marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegħ merkanzija, b’din il-marka, sinjal jew emblema; jew

c. Xjentement qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew żamm għandu għall-bejgħ jew jimporta għal ħsieb ta’ kummerċ, merkanzija b’marki, sinjali, jew emblema imxebbħin b’qerq;

U cioe diversi CDs tal-musika, films fuq DVDs u oġġetti ohra.
*(Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 298(1)(a),(c), u (f) tal-kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta)*

2. U aktar talli, fl-istess data, ħin, lok, għal qliegħ, jew bi skop ta’ kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika jew mod ieħor irriproduca jew ikkopja, jew biegħ, qassam, jew mod ieħor offra għall-bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi

ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna oħra u protetti bil-liġi ta' Malta jew taħtha;
*(Dan bi ksur ta' L-artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta)*

U b'hekk, l-imputat **Gilmore Cachia**, sar recidiv a termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġi mibdula;

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' ħtija, barra li tinfliġġi il-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet wkoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-akkuzat/i għal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta."

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja[1].

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet.

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-12 ta' Dicembru 2019.

[1] A folio 17 tal-process

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**:

Illi permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-12 ta' Dicembru 2019, il-Qorti ta' l-Appell iddikjarat illi "qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerga' jitpogga fil-posizzjoni li kien immedjatament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi."

Illi l-posizzjoni tal-appellant "immedjatament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata" kienet li l-istadju tal-provi tal-partijiet kien maghluq u l-istadju tas-sottomissjonijiet finali tal-partijiet kien ukoll maghluq.

Illi minkejja dan, din il-Qorti tat il-possibilta lill-partijiet illi jekk iridu jressqu aktar provi u jaghmlu sottomissjonijiet ulterjuri. Kemm id-Difiza kif ukoll il-Prosekuzzjoni iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi xi jressqu u sottomissjonijiet ulterjuri x'jaghmlu[2].

Il-Qorti ghalhekk, wara li poggiet lill-imputat fil-posizzjoni li kien "immedjatament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata" sejra tezamina l-kaz mill-gdid "sabiex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi", ai termini tal-imsemmija sentenza tal-Qorti ta' l-Appell.

---

[2] Ara l-verbal tas-seduta tat-13 ta' Jannar 2021.

**Ikkunsidrat**:

**L-Akkuzi**

Illi f'din il-kawza l-imputat huwa akkuzat talli:

> *"fl-20 ta' Diċembru 2005, ġewwa il-Belt Valletta, bejn id-disgħa nieqes kwart ta' filgħodu u d-disgħa u nofs ta' filgħodu: Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens rtas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott ta' industija, jew xjentement, għamel użu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid; jew għamel użu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegħ merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew Xjentement qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew żamm għandu għall-bejgħ jew jimporta għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marki, sinjali, jew emblema imxebbħin b'qerq; U cioe' diversi CDs tal-musika, films fuq DVDs u oġġetti ohra. U aktar talli, fl-istess data, ħin, lok, għal qligħ, jew bi skop ta' kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika jew mod ieħor irriproduca jew ikkopja, jew biegħ, qassam, jew mod ieħor offra għall-bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna oħra u protetti bil-liġi ta' Malta jew taħtha."*

**Il-fatti fil-qosor**

Il-Pulizija ghamlu tfittxija fuq l-istalls immexxija mill-imputat wahda armata bid-DVD's u l-ohra armata biz-zraben. L-imputat ma kienx hemm malli waslu l-Pulizija izda l-prosekutur dakinhar Spettur Ian Abdilla rah se jdur mal-kantuniera b'tubu f'idu[3] u sejjahlu u l-imputat mar lura fl-istall tieghu u kien prezenti ghat-tfittxija. Fit-tfittxija fuq l-istall instabu xi kaxxi tad-DVD's vojta, ohrajn li kien fihom xi DVD's li allegatament kienu foloz u nstabet ukoll kaxxa bid-DVD's allegatament foloz bejn iz-zewg stalls fuq in-naha ta' wara.

**Il-principji legali u l-gurisprudenza**

L-imputat huwa akkuzat taht l-Artikolu 298(1)(a),(c), u (f) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jghid:

*"(1) Kull min -*

*(a) jiffalsifika jew ibiddel, mingħajr il-kunsens tas-sid, lismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott ta' industrja, jew, xjentement, jagħmel użu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid;*

*(ċ) jagħmel użu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew ibiegħ merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema;*

*(f) xjentement iqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, ibiegħ jew iżomm għandu għall-bejgħ jew jimporta għal ħsieb ta'*

[3] Ara x-xhieda tieghu a folio 18

*kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblem imxebbħin b'qerq;"*

*jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena.*

*(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1)(e), kull ċifra, kelma jew marka illi, skont l-użu tal-kummerċ, tkun tiswa biex turi waħda mill-ħwejjeġ hawn fuq imsemmijin, titqies li hija deskrizzjoni kummerċjali tagħhom.".*

Illi l-Qorti pero' trid tiddeciedi skond il-ligi applikabbli fiz-zmien li allegatament sar l-att li bih huwa akkuzat l-imputat. Illi, minn ezercizzju ta' din il-Qorti jirrizulta li saret emenda fl-imsemmi Artiklu taht l-**A. L. 407 ta' l-2007**, **ATT TA' L-2006 DWAR L-ADOZZJONI TA' L-EURO (ATT NRU. X ta' l-2006) Ordni ta' l-2007 dwar l-Adattament tal-Ligijiet (Kapitoli 1 – 50),** liema emenda kienet tikkonsisti fil-bdil fic-cifri mil-Lira Maltija ghall-Ewro. Konsegwentament tali emendi ma gabet l-ebda bdil fil-piena per se.

L-imputat huwa akkuzat ukoll taht l-Artiklu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

*"(1) Kull persuna li, fl-eżercizzju ta' xi kummerċ jew fil-kors tan-negozju jew bil-għan li tagħmel qligħ għaliha nnifsha jew għal xi persuna oħra, jew bil-ħsieb li tikkawża telf, jew tippreġudika, lil persuna oħra:*

*(a) tistampa, timmanifattura, tidduplika jew mod ieħor tirriproduċi jew tikkopja, jew tbiegħ, tqassam, jew mod ieħor toffri għall-bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew*

*xi ħaġa oħra bi ksur tad-drittijiet tal-awtur protetti bi jew taħt il-liġi ta' Malta, jew*

*(b) ikollha fil-pussess tagħha, kustodja jew kontroll ta' xi artikolu bħal dan jew ħaġa oħra bil-għan li twettaq wieħed mill-atti msemmija taħt il-paragrafu (a),*

*teħel, meta tinsab ħatja, priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet snin jew multa ta' mhux anqas minn tliet elef euro (€3,000) u mhux aktar minn erba' u għoxin elf euro (€24,000) jew dik il-multa u l-priġunerija flimkien.*

*(2) Proċedimenti taħt dan l-artikolu ma jistgħux jittieħdu ħlief bil-kwerela tal-parti offiża.".*

Illi l-Qorti hawn ukoll trid tiddeciedi skond il-ligi applikabbli fiz-zmien li allegatament sar l-att li bih huwa akkuzat l-imputat. Illi, minn ezercizzju ta' din il-Qorti jirrizulta li saret emenda fl-imsemmi Artiklu taht l-ATT XIX ta1-1992:

*"Att li jemenda l-Kodici Kriminali, u ghandu jinqara u jiftiehem haga wahda mal-Kodici Kriminali, hawnhckk izjed 'il quddicm imsejjah 'il-ligi principali'.*

*L-artikolu 298B tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej;*

*(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "bil-ligi ta' Malta" ghandhom jidħlu l-kliem "bil-liġi ta' Malta jew taħtha" u minflok il·kliem "ghal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux iżjed minn elf lira, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.", għandhom jidħlu l-kliem*

> *"ghal żmien ta' mhux iżjed minn sena jew multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira jew dik il-multa u priġunerija flimkien."; u*
>
> *(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "fl-1 ta'·Jannar, 1995." għandhom jidħlu l-kliem "fl-1 ta' Jannar, 1993.";*

liema emenda ghalhekk kienet tikkonsisti fi bdil fil-piena applikabbli.

Illi hija din il-piena illi hija applikabbli ghall-kaz in ezami, u mhux il-piena riflessa fl-istess Artiklu tal-ligi llum, stante li dan rega' gie emendat bl-**ATT Nru. XXIV tal-2014**, liema emenda gabet bdil iehor konsistenti fi bdil fil-piena.

Illi r-reati addebitati lill-imputat gew ezaminati fid-dettal fil-kawza deciza mill-**Qorti tal-Appell Kriminali** Appell Numru: 284/2014 fil-25 ta' Settembru, 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Bugeja**. Din il-kawza kienet tirrigwarda reati li allegatament sehh fl-2008. F'din is-sentenza l-Qorti tal-Appell abbraccjat is-segwenti principji:

"Illi jidher ċar mid-diċitura tal-liġijiet illi min jikkometti dawn ir-reati jrid ikollu x-xjenza u cioe' l-għarfien illi l-prodott huwa wiehed mhux genwin. Mhux biss izda l-artikoli 299 u 300 fir-rigward tal-infrazzjonijiet infraskritti fis-sub-incizi (a) u (c) jixhtu l-piz tal-prova fuq l-akkuzat meta hemm hekk dispost: "F'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-artikolu 298(1)(a), (b), (ċ) u (d), jitqies li l-akkużat mexa dolożament, kemm-il darba huwa ma jippruvax li ma kellux ħsieb doluż." "Fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar biċċa tal-artikolu 298(1)(a) u (b) u (d), il-prova tal-kunsens tas-sid tmiss lill-akkużat." Bir-reat imfassal imbaghad fis-sub-inciz (f) jixhet il-piz tal-prova fuq l-akkuzat meta jinghad illi: "….. jitqies li l-akkużat mexa dolożament, kemm-il

darba ma jippruvax - (a) illi, wara li ħa l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex ma jiksirx id-dispożizzjoni tal-paragrafu hawn fuq imsemmi, hu ma kellux, fiż-żmien li għamel id-delitt li fuqu jkun akkużat, raġun jaħseb illi l-marka jew sinjal ma kinux veri; u (b) illi, meta ġie mistoqsi minn membru tal-Pulizija, huwa ta t-tagħrif kollu li seta' jagħti dwar il-persuni li minn għandhom ġab dik il-merkanzija; u (ċ) illi mill-bqija huwa mexa bla ħażen."

"Ghar-rigward tar-reat imfassal fil-paragrafu (a) ma jirrizulta b'ebda mod u lanqas biss ma jidher li qed jigi allegat mill-Prosekuzzjoni li l-appellant kien l-awtur ta' xi falsifikazzjoni jew tibdil fuq xi oggetti ta' xi isem, marka jew sinjal distintiv. Jirrizulta madanakollu illi ghamel uzu ta' isem jew marka jew sinjal distintiv ta' xoghol tal-mohh jew industrija w l-isem jew marka jew sinjal distinitiv ta' xoghol tal-mohh jew prodott tal-industrija effettivament falsifikati jew mibdula meta huwa espona l-istess oggetti ghal bejgh. Illi ghal kull buon fini jigi rilevat li fil-paragrafu (a) ma hux rikjest bhala element tar-reat li jkun hemm indikjazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej, kif inhu rikjest fil-pargrafu (c) jew li jkunu imxebbhin b' qerq kif inhu rikjest fil-paragrafu (f). Madanakollu huwa indubitat illi l-att materjali tar-reat jirrizulta ukoll taht dawn iz-zewg paragrafi wkoll meta l-appellant qieghed fis-suq ghal bejgh dawn il-prodotti counterfeit. Issa l-prova illi huwa ma kellux ix-xjenza doluza mehtiega fil-ligi ghal sejbien ta' htija, kif inghad, kienet tispetta lill-appellant, bir-reat taht il-paragrafu (f), sahansitra jinneccesita lill-appellant jaghti dettalji shah dwar il-persuna jew persuni minn ghand min akkwista dik il-merkanzija, kif ukoll li juri, sal-grad mehtieg minnu fil-kamp penali, li ha dawk il-prekawzjonijiet necessarji sabiex ikun fic-cert illi dawk il-prodotti minnu esposti ghall-bejgh u mqieghda fic-cirkolazzjoni kienu genwini u allura li ma kellux raguni jahseb illi dawn setghu kienu foloz."

Illi l-imputat fil-kawza in ezami jinsab ukoll akkuzat bir-reat mahsub fl-artikolu 298B tal-Kodici Kriminali u cioe' dak li jitkellem dwar infrazzjonijiet li jiksru d-drittijiet tal-awtur. F'dik l-istess sentenza fuq kwotata, il-Qorti tal-Appell kompliet tghid hekk rigward l-Artiklu 298B: "Id-drittijiet li jakkwista awtur ta' disinn li jigi registrat huma estensjoni tad-drittijiet ta' l-awtur, maghrufin ahjar bhala 'copyright', u l-protezzjoni hija ntiza sabiex jeskludi lil haddiehor milli jimita tali disinn. Dan kien rifless f'mohh il-legislatur meta ghaddiet l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjeta` Industrijali mill-Assemblea Legislattiva fl-1900 u fil-fatt, il-Crown Advocate ta' dak iz-zmien ddeskriva dik il-parti ta' l-Ordinanza li titratta disinni u mudelli ta' manifattura kif ser jinghad: "Il titolo secondo di questa Ordinanza e molto importante. In esso si tratta dei disegni e modelli di fabbrica. E inteso a dare un rimedio contro cio' che succede molte volte che cioe' un individuo, il quale dopo grande lavoro, forma un disegno od un modello di fabbrica, ne rimane espropriato senza compenso da un altro individuo che ne prende copia"[4].

Illum il-legislazzjoni fir-rigward zviluppat u twessghet sabiex insibu ligijiet li jitkellmu dwar id-drittijiet ta' l-awtur (Kapitolu 415), Att dwar il-Privattivi Industrijali u Disinni (Kap.417) u l-Ligi dwar it-Trademarks (Kap.416) biex b'hekk jigu applikati ir-regolamenti imfassla mill-Unjoni Ewropeja fir-rigward u dan wara li Malta saret Stat Membru. Tant hu hekk illi illum il-Kapitolu 416 gie sostitwit permezz tal-Att XII tal-2019 sabiex b'hekk saret it-trasposizzjoni fid-dritt malti tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2015/2436 tas-16 ta' Diċembru 2015 biex jiġu

[4] **Sammut Dr Austin Noe Vs Kontrollur Tal-Propjeta' Industrijali** 25/05/2001 App.Civ. Sup

approssimati l-liġijiet dwar it-trademarks. Illi allura l-ligi taghmel distinzjoni bejn il-jeddijiet li johorgu mid-Drittijiet tal-Awtur u il-jeddijiet spettanti lil proprjetarju ta' trademark registrata skont il-ligi. Fil-fatt wahda hija tutelata taht l-Att Dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur (Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta), filwaqt illi l-jeddijiet l-ohra huma tutelati taht l-Att Dwar it-Trademarks (Kapitolu 416 tal-Ligijiet ta' Malta) – wahda titkellem fuq copyright u l-ohra titkellem fuq trademarks.

L-artikolu 3 tal-Kapitolu 415 jelenka s-segwenti bhala x-xoghlijiet li huma eligibbli ghad-drittijiet ta' l-awtur: "(a) xogholijiet artistici (b) xogholijiet awdjovizivi (c) database (d) xogholijiet letterarji (e) xogholijiet muzikali." Bil-kelma "awtur" tinghata it-tifsira ta' "il-persuna naturali jew grupp ta' persuni naturali li jkunu ħolqu x-xogħol eliġġibbli għad-dritt tal-awtur iżda fil-każ ta' xogħol awdjoviżiv tinkludi lid-direttur prinċipali iżda teskludi lill-produttur tal-ewwel fissazzjoni tax-xogħol awdjoviżi." Din id-dicitura tal-ligi ghalhekk teskludi l-ikkupjar ta' trademark jew l-uzu jew bejgh ta' dak it-trademark hekk ikkuppjat. Tant hu hekk illi l-artikolu 298B jispecifika illi l-att materjali irid jigi kommess bi vjolazzjoni tad-drittijiet tal-awtur protetti taht il-ligi Maltija, li allura tfisser dawk id-drittijiet li jitkellem dwarhom il-Kapitolu 415 u mhux ukoll il-Kapitolu 416, li gie illum sostiwit, kif inghad, bl-Att XII tal-2019.

Illi fl-artikolu 4 tal-Att il-kelma trademark ghandha tikkonsisti "minn kull sinjal, b'mod partikolari kliem, inklużi ismijiet personali, jew disinji, ittri, numri, kuluri, l-għamla ta' oġġetti jew tal-imballaġġ ta' oġġetti, jew ħsejjes, sakemm dawn is-sinjali jkunu jistgħu: (a) jiddistingwu l-oġġetti jew is-servizzi ta' impriża waħda minn dawk ta' impriżi oħra; u (b) jitniżżlu fir-reġistru b'manjiera li tkun tippermetti

lill-awtoritajiet kompetenti u lill-pubbliku jagħrfu b'mod ċar u preċiż xi jkun is-suġġett tal-protezzjoni mogħtija lill-proprjetarju tat-trademark."

Illi fil-kawza **Il-Pulizija vs Gaudenzio Borg**, l-Qorti taghti definizzjoni tal-kelma "emblema" uzata mil-ligi fis-subartikoli hawn fuq indikati: "Bil-kelma embelma… wiehed ghandu jifhem dak lassjem ta' kliem, kuluri, sinjali, marki u stampi jew kombinazzjoni ta' xi uhud minnhom, mahsuba biex iwasslu messagg per ezempju dwar l-origini, ilprovenjenza, jew in-natura tal-merkanzija in kwistjoni. L-emblema trid tkun imxebbha b'qerq jigifieri maghmula tixbah u ghalhekk mhux necessarjament identika ghal wahda awtentika bl-iskop li tqarraq. Listess jinghad naturalment ghal marka jew sinjal."

Din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tezamina l-provi mressqa fid-dawl tal-ligi u l-gurisprudenza mhaddna mill-Qrati taghna.

**Provi**

**Xehed dakinhar l-Ispettur Ian J. Abdilla**[5] li spjega li fl-20 ta' Dicembru 2005hu flimkien ma' diversi Pulizija tal-ECU kienu ghamlu raid fuq il-Monti tal-Belt u kienu marru fuq l-istall tal-imputat. Huwa identifika lill-imputat fl-awla. Dak il-hin l-istall kien wahdu izda huwa lemah lill-imputat se jdur mal-Palazz u ghajjatlu u qallu li se jaghmlu tfittxija fl-istall tieghu. L-imputat kien prezenti waqt it-tfittxija. Spjega li huwa sab kaxxa bajda wara xi kaxxi taz-zraben li kienet hdejn l-istall li kienet armata bid-DVD's. Spjega li l-imputat ihaddem zewg stalls, wahda biz-zraben u l-ohra bid-DVD's u fuq wara ezatt bejniethom huwa sab din il-kaxxa, esebita Dok IA1 li kien fiha 96 DVD's suspettati

[5] A folio 18 sa 27 tal-process

“counterfeit”. Waqt l-istess tfittxija nstabu wkoll xi oggetti ohra. Dawn kienu wara diversi kaxxi tal-kartun fuq in-naha tax-xellug fil-katuniera, tal-bieb tal-Palazz li ma jinfetah qatt. F’din il-kaxxa ukoll instabu diversi CD’s suspettati foloz u meta ghoddewhom irrizulta li fiha 203 PlayStation games, 27 DVD films u 21 PC games, esebita bhala Dok IA2. Huwa esebixxa zewg kaxxi ohra, Dok IA3 li fiha tmien files li kienu fuq it-tilar fejn wiehed jista’ jaghzel xi jrid jixtri u Dok IA4 mimlija b’covers ta’ DVD’s, hafna minnhom vojta u xi wahda jew tnejn fihom DVD. Dawn il-kaxxi kienu fuq it-tilar tal-imputat. L-oggetti kollha ttiehdu d-depot, gew maghduda u fl-20 ta’ Dicembru 2005 hargu zewg ircevuti f’isem l-imputat, immarkati Dok IA5.

Spjega li dakinhar stess huwa kien kellem lill-imputat, li rrilaxxja stqarrija, fejn kien ghazel li ma jwiegeb ghal kwazi l-ebda domanda, kien hemm ftit biss li wiegeb ghalihom, esebita bhala Dok. IA6. Spjega li dakinhar stress l-imputat tressaq b’arrest. Esebixxa wkoll kwerela fir-rigward tal-PlayStation games u kwerela ohra fir-rigward tad-DVD’s immarkati flimkien Dok IA7.

In **kontro-ezami** li minn informazzjoni li ghandu z-zewg stalls huma ta’ l-imputat u l-kaxxa nstabet fil-passagg ta’ bejniethom fejn normalment ikun hemm l-istall owner. Spjega li dakinhar saru diversi rejds fuq bejjiegha ohra tal-Monti. Spjega li fuq it-tilar innifsu nstabu covers ta’ DVD’s il-bicca kbira vojta izda uhud minnhom kien fihom DVD’s suspettati foloz. Spjega illi huwa eleva minn fuq it-tilar dawk li prima facie rrizultawlu li kienu foloz. Rega’ spjega li x’hin marru fuq it-tilar lill-imputat sabu f’distanza ta’ xi erba’ karozzi ’l boghod mit-tilar, “kien hiereg lejn Strada Rjali, kien kwazi lahaq it-telephone box li hemm quddiem Ascot House u jien ghidtlu mal-ewwel, ghidtlu imxi mieghi

Gilmore". X'hin marru fuq it-tilar ma kien hemm hadd fuq it-tilar u ma kien hemm hadd jahbi xi haga jew hekk.

**Fl-istqarrija moghtija mill-imputa**t esebita Dok IA6[6], l-imputat ma wiegeb ghal kwazi l-ebda domanda izda mistoqsi dwar l-istall taz-zraben huwa cahad li huwa jbiegh iz-zraben.

Il-Prosekuzzjoni esebit **zewg ircevuti** Dok IA5, a folio 28 u 29 tal-proċess, wahda ghal dak li nstab fuq l-istall tal-imputat u l-ohra ghal dak li instab bejn iz-zewg stalls u fuq in-naha ta' wara tal-istall tal-imputat mal-bieb tal-Palazz.

Gew esebiti ukoll **zewg kwereli** ghan-nom tal-partijiet lezi Dok IA7 a folio 32 sa 35 tal-process.

Xehed **Dr. Patrick J Galea**[7] rapprezentant tal-partijiet lezi li kkonferma l-kwereli esebiti mill-Prosekuzzjoni u li l-kwereli ghamilhom hu fuq inkarigu tal-klijenti tieghu. Huwa esebixxa ukoll kopji awtentikati ta' diversi prokuri[8] minn ghand l-istess partijiet lezi sabiex huwa jagixxi ghan-nom taghhom.

Xehed **PC 1804 Roderick Zammit**[9] li spjega li fl-20 ta' Dicembru 2005, fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Ian Abdilla, flimkien ma' PS 839 u PC 273 ghamlu tfittxija fi Triq it-Teatru l-Antik, Valletta ghal CD's u DVD's foloz, li instabu wara xi kaxxi li kienu wara t-tilar tal-imputat u anke wara kaxxi li kienu wara t-tilar ta' hdejh. Dawn is-CD's u DVD's gew mehuda d-Depot. Huwa kkonferma il-files bil-karti tad-DVD's u

[6] A folio 30 sa 31 tal-process
[7] A folio 36 sa 37 tal-process
[8] A folio 38 sa 179 tal-process
[9] A folio 180 sa 186 tal-process

CD's u s-CD's u d-DVD's u spjega li huwa kien prezenti waqt li kienu jinghaddu fid-Depot. Huwa gharaf lill-imputat, u gharaf l-oggetti li gew elevati.

In **kontro-ezami** huwa kkonferma li "Certu mill-oggetti kienu wara t-tilar tieghu, certu mill-oggetti kienu mat-tilar ta' hdejh..". Jghid li l-imputat kien maghhom x'hin saret it-tfittxija u x'hin marru fuq it-tilar ma kien hemm had izda x'hin rahom l-imputat huwa dar u mar lura fuq it-tilar. Jghid ukoll illi "l-imputat qalilna illi certu affarijiet li kienu wara t-tilar tieghu huwa ma kellux x'jaqsam maghhom." Jghid li huwa kien assenjat fuq din it-tfittxija biss. Jghid illi huma kitbu fuq liema tilar instabu l-oggetti. Jghid li l-oggetti esebiti Dok IA1 instabu fejn it-tilar ta' hdejh u Dok IA2 catalogues instabu fuq it-tilar tal-imputat. Jghid ukoll illi l-kaxxi bid-DVD's vojta cioe' bid-DVD covers instabu fuq it-tilar tal-imputat.

Xehed l-espert tekniku mahtur mill-Qorti **Horace J. Anastasi**[10] fejn ikkonferma li d-DVD's u CD's mghoddija lilu ma humiex genwini. Dan kif jirrizulta wkoll mir-rapport tieghu, Dok. HA u r-ritratti annessi a folio 196 sa 227 tal-process. Huwa kkonkluda hekk dwar l-inkarigu tieghu:

> *"Illi Digital Versatile Disc (DVD)/CD 'genwina' tinbiegh f'kaxxa ssigillatat u li jkollha maghha, inlay/slieve ta' kwalita' superjuri, kemm fil-grafika, fl-istampa, ecc, u li jkollha xi ktejjeb bl-informazzjoni/letteratura dettaljata, bid-data ta' meta nhareg il-film, kliem spellut tajjeb u grammatika*

[10] A folio 193 sa 194 tal-process

*tajba, 'rating' zona tar-regjun ezatta u bi prodott bl-aqwa livell u bi protezzjoni.*[11]

*Illi l-kaxxi bid-DVDs li mhux ippakkjatai, b'karta tajba, li jinbieghu fi 'plastici wallet' li mhux ta' materjal prim, u li whud mhux ta' sura, stamper li mhux bil-kuluri kollha u li x-xbihat mhux ta' l-ghola kwalita' ma jistghux jissejhu 'genwini'.*

*Illi DVD li jibda u jitkomplix, li fuq l-inlay jismu mod u l-film huwa iehor, u li m'hawnx 'subtitles', jew li ma jaqblux, u li m'hawnx il-credits, jew mhux qeghdin jidhru kollha, allura ma jistghux jissejhu 'genwini'.*

*Illi DVDs li ghandhom, 'ALL' bhala 'zone region code', logos ta' Zona '1' u bil-karatteristici asjatici, zbalji fil-kliem, kemm fl-ismijiet ta' l-artisti, tal-cast u tal-crew, kif ukoll, fil-hin, rating, eccetra, Kwalita' nferjuri fil-wiri tal-film u tal-grafika, detentur tal-copyright mhux imsemmi, jew imnizzel haddiehor jew imnizzel hazin, pubblikazzjoni hazina, isem il-film imhazzez bil-linka fuq il-label, DVD li ghandu aktar minn film-mhux shih, fuq diska wahda, u li l-aktar wahda li keshet lill-esponent hi ta' film li qed juri li huwa tajjeb ghat-tfal u jkun wiehed pornografiku u li ghalhekk qatt ma jistghu jissejhu 'genwini'.*

*Illi l-esponent anzi, jirrimarka li dan huwa ingann, irresponsabbilita' u fuq kollox, reat gravi.*[12]

[11] Emfasi tal-Qorti
[12] Emfasi tal-Qorti

*Illi l-ebda DVD legittimu ma jinbiegh bhala 'ALL' Zone Region Codes u li r-'Regions' huma mqassmin hekk:- '1' Stati Uniti ta' l-Amerika/Kanada, '2' Ewropa Punent, Gapan u Afrika t'Isfel, '3' Nofsinhar u Lvant ta' l-Asja, '4' Awstralja u Nofsinhar ta' l-Amerika, '5' Russja, Ewropa tal-Lvant, u Afrika u '6' Cina.*

*Illi fil-kaxxa tal-Playstation 2, m'hawn l-ebda 'Manual' u il-Loghob m'ghandu l-ebda 'hologram' u li fl-originali, hawn il-logo ta' Playstation.*

*Illi d-diski tal-PlayStation ta' 'Sony Computer Entertainment' ghandhom stampat fuq quddiem, 'label' ta' kwalita' superjuri u li ghandhom il-'Family Logo' u jew l-SCE Logo' jew it-'Third Party Publisher Logo'.*

*Illi mad-dawra tax-xifer tad-diska, fuq quddiem, hawn id-drittijiet tal-Kumpanija, logo, marki rregistrati, li ghandu jintuza fid-dart biss u xi twiddib leglai u minn fejn originat.*

*Illi d-Diski Originalli ghandhom l-'IFPI' tidher fuq ic-cirku ta' gewwa tan-naha li tirrikordja u f'dak li hawn esebit huma fuq Diski CD-R/DVD-R (recordable) u li jintuzaw illegalment biex jikkupjaw 'software' b'xi 'CD/DVD Writer' jew 'Burner'.*

*Illi diska mhux genwina qatt ma jkollha l-kelma, 'Playstation® 2' jew il-logo 'PS2' stampat fuq ic-cirku ta' gewwa jew fuq il-faccata.*

*Illi kull DVD 'genwin' jahdem tajjeb.*

*Illi l-Industrija tal-films ma timmanifatturax il-Prodott taghha fuq 'format' ta' DVD-R, li normalment huwa Vjola.*

*Illi jidher bic-car li dawn id-DVDs/CDs mhux 'genwini'."*[13]

**L-Ispettur Ian J. Abdilla** rega' xehed[14] u esebixxa kopja fotostatika u awtentikata ta' sentenza moghtija minn dakinhar Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima fl-14 ta' Jannar 2003 fil-kawza Il-Pulizija vs Jacqueline Hughes u Gilmore Cachia mmarkata Dok IA 18[15] u ta' sentenza moghtija minn dakinhar Magistrat Dr. Anthony Vella fil-25 ta' Novembru 2004 fil-kawza Il-Pulizija vs Nazzareno Buhagiar u Gilmore Cachia mmarkata Dok IA 19[16]. Dawn is-sentenzi fil-konfront tal-imputat kienu jirrigwardaw l-istess tip ta' reati bhal dawn in ezami dawk fil-kaz tal-lum.

Fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2010[17], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li m'ghandhiex aktar provi u l-kawza giet differita ghall-provi difiza.

Xehed **l-imputat**[18] li spjega li huwa hawker il-Belt. Jghid li kien ghall-habta tal-Milied u wara li rama l-istall tieghu huwa mar jixtri. Huwa spjega li n-numru tal-istall huwa 116 u dak iz-zmien kien fuq isem missieru. Spjega li huwa kien jarma hu biex jghin lil missieru. Jghid li wara li rama l-istall, huwa halla l-istall wahdu biex imur jixtri tubu ghal

[13] Emfasi tal-Qorti
[14] A folio 246 sa 253 tal-process
[15] A folio 248 tal-process.
[16] A folio 250 tal-process.
[17] A folio 265 tal-process
[18] A folio 276 sa 282 tal-process

fil-ghaxija. Spjega li ma kienx mar boghod hafna, qisu mill-Palazz sa Cordina. X'hin mar lura sab lis-Sur Abdilla u tlett pulizija ohra. Jghid li l-Ispettur Abdilla staqsieh ghal kaxxa li kienet bejn l-istand tieghu u stand ohra l-isfel. Xehed li huwa wiegeb li ma hiex tieghu u ma jafx x'inhi. Mistoqsi kemm kienet il-boghod mill-istall tieghu wiegeb li kienet "bejn kull permess u iehor". U spjega li permess ifisser "Kull stall ghax bejn wiehed ghal wiehed hemm qisu daqshekk spazju kemm jghaddu tnejn minn nies." Ikkonferma li l-istall kien armah hu u mhux haddiehor.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-verzjoni tal-imputat pero' ma hi korraborata minn hadd u minn xejn. Huwa kkonferma li kien hu illi rama l-istall. Dan ifisser li ma hemmx dubju li l-kaxxa li nstabet fuq it-tilar tieghu, u li kien fiha l-katalogi minn fejn wiehed jista' jaghzel x'kien ser jixtri, huwa kien jaf biha u kien hu stess li poggiha hemm. U la darba fuq it-tilar tieghu instabu dawn il-katalogi allura huwa kellu wkoll materjal x'ibiegh. Fir-rigward tat-tieni tilar li huwa isostni li mhux tieghu, huwa tassew inverosimili li dan it-tilar ma kienx tieghu, (1) ghaliex ma kien hemm had iehor fuqu u (2) l-imputat ma kienx f'posizzjoni jghid lill-Prosekuzzjoni ta' min kienet. Dan tassew ma jaghmel l-ebda sens meta wiehed jikkunsidra li f'xi hin jew iehor kieku dak it-tilar kien gie armat minn terz, l-imputat kien jara lil tali terz jarma hdejh.

L-imputat lanqas ma forna lill-Prosekuzzjoni bl-informazzjoni dwar minn fejn gab tali katalogi, li juri li tali katalogi probabilment

ghamilhom hu stress, u lanqas ma informa lill-Prosekuzzjoni dwar minn fejn kien xtara dawn id-DVD's u CD's foloz.

Illi mill-assjem tal-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni, fir-rigward tal-ewwel akkuza, din il-Qorti hija konvinta illi l-Prosekuzzjoni pruvat ampjament il-kaz kontra l-imputat.

Illi fir-rigward tat-tieni akkuza, l-kwerela tal-parti offiza giet debitament esebita in atti, kif ukoll il-prokuri relatati ghall-istess kif spjegat fis-succint tal-provi. Illi din il-Qorti tqis li x-xhieda tal-prokuratur tal-kwerelanti, li kkonferma li huwa gie awtorizzat illi jiehu passi ghan-nom tal-kwerelanti, abbinata max-xhieda moghtija mill-espert tal-Qorti Horace J. Anastasi li kkonferma li l-prodotti kienu kollha foloz, huma bizzejjed sabiex jissodisfaw l-elementi rikjest mil-ligi sabiex issir prova kif trid il-ligi fir-rigward ta' din l-akkuza.

Illi fir-rigward tat-tieni akkuza, ma hemmx dubju li l-imputat kellu DVD's u CD's foloz ghall-bejgh u li kien ukoll ghamel katalogu minn fejn il-klijenti setghu jaghzlu dak li riedu jixtru. Illi ghalhekk fid-dawl tal-provi migjuba ma hemmx dubju li l-imputat "……biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha;" u dan bi ksur tal-Artiklu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ir-Recidiva:**

Illi fir-rigward tar-recidiva, din giet pruvata hekk kif il-Prosekuzzjoni wriet li l-imputat diga' nstab hati ta' reati b'zewg sentenzi li gew esebiti mill-Prosekuzzjoni u cioe' **sentenza moghtija minn dakinhar**

**Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima fl-14 ta' Jannar 2003 fil-kawza Il-Pulizija vs Jacqueline Hughes u Gilmore Cachia** mmarkata Dok IA 18[19] u ta' **sentenza moghtija minn dakinhar Magistrat Dr. Anthony Vella fil-25 ta' Novembru 2004 fil-kawza Il-Pulizija vs Nazzareno Buhagiar u Gilmore Cachia mmarkata Dok IA 19**[20], liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula. Dawn is-sentenzi fil-konfront tal-imputat kienu ukoll jirrigwardaw l-istess tip ta' reati bhal dawn in ezami fil-kaz tal-lum.

**Decide:**

Illi ghaldaqstant, il-Qorti, wara li qieset il-provi kollha prodotti, wara illi rat l-Artikoli 49, 50, u 298(1)(a),(c) u (f), u 298B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta (u dan kif kienu jaqraw fiz-zmien illi sehh dan l-att u cioe' fl-2005), wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, wara li qieset li t-trapass taz-zmien m'ghandux jimmilita favur l-imputat stante illi l-kawza giet differita diversi drabi minhabba li l-imputat ma deherx jew minhabba li ntalab differiment mid-Difiza[21], wara li qieset illi l-pieni erogati mill-Qorti fil-kawzi fuq imsemmija ma servew ta' l-ebda deterrent ghall-imputat, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tikkundanna lill-imputat ghal disa' xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal zmien erba' snin mil-lum u tikkundanna lill-imputat ghal multa kumplessiva ta' hamest elef Ewro (€5,000).

U ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' l-ispejjez tal-espert Horace J. Anastasi fl-

[19] A folio 248 tal-process.
[20] A folio 250 tal-process.
[21] Mhux anqas minn ghoxrin differiment

ammont ta' Lm629.53 illum ekwivalenti ghal elf erba' mija u sitta u sittin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€1,466.41).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna id-distruzzjoni tal-oggetti konfiskati mill-Prosekuzzjoni oggett ta' din il-kawza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur